



KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussel 28.9.2006
KUMM(2006) 556 finali

2006/0175 (COD)

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**dwar l-identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-teses u indikaturi għal karożżi b'żewġ jew bi
tliet roti**

(Verżjoni kodifikata)

(preżentata mill-Kummissjoni)

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

1. Fl-isfond ta' Ewropa għall-poplu, il-Kummissjoni tisħaq li tissimplifika u tiċċara il-liġi tal-Komunita sabiex tkun iktar ċara u iktar aċċessibbli liċ-ċittadin komuni u b'hekk toffrilu aktar opportunitajiet u ċ-ċans li juża d-drittijiet speċifiċi li tagħtih.

Ma jistax jintlaħaq dan il-għan sakemm il-bosta dispożizzjonijiet li ġew emendati ħafna drabi, u ta' sikwit b'mod sostanzjali, jibqgħu imferxin bejn l-att oriġinali u atti segwenti li jemendaw l-oriġinali. Hemm bżonn għalhekk ta' riċerka mdaqqsqa li tqabbel ħafna atti differenti ma' xulxin sabiex jiġu identifikati r-regoli preżenti.

Għalhekk hu essenzjali li ssir kodifikazzjoni ta' regoli li ġew emendati ta' sikwit sabiex il-liġi tal-Komunita tkun ċara u trasparenti.

2. Għalhekk fl-1 ta' April 1987 il-Kummissjoni ddeċidiet¹ li tordna lill-persunal tagħha li kull att leġislattiv għandu jiġi kodifikat wara mhux iktar minn għaxar emendi, u tenfasizza li din hi kundizzjoni minima u li d-dipartimenti għandhom jippruvaw li jikkodifikaw it-testi li huma responsabbli għalihom anke wara inqas emendi biex jiżguraw li r-regoli tal-Komunita huma ċari u jinftehm malajr.
3. Il-Konklużjonijiet tal-Preidenza tal-Kunsill Ewropew ta' Edinburgu (Diċembru 1992) ikkonfermaw dan², waqt li saħqu l-importanza tal-kodifikazzjoni għaliex tagħti ċertezza għal-liġi applikabbli.

Il-kodifikazzjoni għandha sseħħ skond il-proċedura normali leġislattiva tal-Komunita.

Peress illi l-ebda bidla sostanzjali ma tista ssir lill-atti li jiġu kodifikati, il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni qablu permezz ta' ftehim interistituzzjonali tal-20 ta' Diċembru 1994 li jistgħu jużaw proċedura mgħaġġla għall-adozzjoni bikrija ta' atti ta' kodifikazzjoni.

4. L-għan ta' din il-proposta hi li sseħħ il- kodifikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 93/29/KEE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 dwar l-identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi għal karożżi b'żewġ jew bi tliet roti³. Id-Direttiva l-ġdida tissostitwixxi l-atti varji inkorporati fiha⁴; hi żżomm il-kontenut kollu ta' l-atti li qed jiġu kodifikati u għalhekk kull ma tagħmel hu li tgħaqqadhom bl-emendi formali biss kif meħtieġ mill-eżerċizzju ta' kodifikazzjoni nnifsu.
5. Din il-proposta tal-kodifikazzjoni tfasslet abbażi ta' konsolidazzjoni preliminarja fl-ilsna kollha uffiċjali tad-Direttiva 93/29/KEE u ta' l-att li jemendaha, magħmula mill-Uffiċċju għall-Pubblikazzjonijiet Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej permezz ta' sistema ta' pproċessar ta' data. Fejn l-artikoli ngħataw numri ġodda, il-korrellazzjoni bejn in-numri ġodda u qodma tidher fit-tabella misjuba fl-Anness IV tad-Direttiva kkodifikata.

¹ COM(87) 868 PV.

² Ara l-Anness 3 għal Parti A tal-Konklużjonijiet.

³ Magħmul skond il-Kommunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill – Kodifikazzjoni ta' l-*Acquis Communautaire*, COM(2001) 645 finali.

⁴ Ara l-Anness III, Parti A għal din il-proposta.

Proposta għal

DIRETTIVA TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar l-identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi għal karożżi b'żewġ jew bi tliet roti

(test b'rilevanza ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 95 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta mill-Kummissjoni,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew¹,

Filwaqt li jaġixxu skond il-proċedura mniżżla fl-Artikolu 251 tat-Trattat².

Billi: ☒



- (1) Id-Direttiva tal-Kunsill 93/29/KE ta' l-14 ta' Ġunju 1993 dwar l-identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-tales u indikaturi għal karożżi b'żewġ jew bi tliet roti³ ġiet emendata b'mod sostanzjali⁴. Għal iktar ċarezza u razjonalità, id-Direttiva msemmija għandha tiġi kkodifikata.

↓ 2000/74/KE Premessa 1
(adattat)

- (2) ☒ Din id-Direttiva hija waħda mid-Direttivi separati li għandhom x'jaqsmu mas-sistema ta' l-approvazzjoni tat-tip KE prevista fid-Direttiva 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Marzu 2002 li għandha x'taqsam ma' l-approvazzjoni tat-tip ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta u li tħassar Id-Direttiva

¹ ĠU C [...], [...] p. [...].

² ĠU C [...], [...] p. [...].

³ ĠU L 188, 29.7.1993, p. 1. Direttiva kif emendata mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2000/74/KE (ĠU L 300, 29.11.2000, p. 24).

⁴ Ara l-Anness III Parti A..

tal-Kunsill 92/61/KEE⁵. Għalhekk, id-disposizzjonijiet stabbiliti mid-Direttiva 2002/24/KE dwar sistemi tal-vetturi, komponenti u unitajiet tekniċi separati japplikaw għal din id-Direttiva. ☒

↓ 93/29/KEE Premessa 6 (adattat)

- (3) Sabiex jiġi ffaċilitat l-aċċess għas-swieq ta' pajjiżi non-Komunitarji ekwivalenza ☒ għandha teżisti kwivalenza ☒ bejn il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva u dawk tar-Regolament Nru 60 tal-Kummissjoni Ekonomika tan-Nazzjonijiet Uniti għall-Ewropa.
-

↓

- (4) Din id-Direttiva għandha tkun bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-trażpożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B,
-

↓ 93/29/KEE

ADOTTAW DIN ID-DIRETTIVA:

↓ 93/29/KEE (adattat)

Artikolu 1

Din id-Direttiva tapplika għall-identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi għat-tipi kollha ta' vetturi kif definiti fl-Artikolu 1 tad-Direttiva 2002/24/KE.

Artikolu 2

Il-proċedura għall-għoti ta' l-approvazzjoni tat-tip KE ta' komponent fir-rigward ta' l-identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ jew bi tliet roti u l-kundizzjonijiet li jirregolaw il-moviment liberu ta' dawn il-vetturi għandhom ikunu kif stabbiliti fil-Kapitoli II u III tad-Direttiva 2002/24/KE.

Artikolu 3

1. Skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 11 tad-Direttiva 2002/24/KE, l-ekwivalenza bejn il-ħtiġiet stabbiliti f'din id-Direttiva u dawk stabbiliti fir-Regolament UN/ECE Nru 60 (E/ECE/TRANS/505 - Add. 59) hi hawnhekk rikonoxxuta.

2. L-awtoritajiet ta' l-Istati Membri li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE ta' komponent għandhom jaċċettaw approvazzjonijiet skond il-ħtiġiet tar-Regolament ☒ UN/ECE imsemmi f'paragrafu 1 ☒ kif ukoll il-marki ta' l-approvazzjoni tat-tip ta' komponent bħala alternattiva għall-approvazzjonijiet korrispondenti mogħtija skond il-ħtiġiet ta' din id-Direttiva.

⁵ ĠU L 124, 9.5.2002, p. 1. Direttiva kif emendata l-aħħar mid-Direttiva tal-Kummissjoni 2005/30/KE (ĠU L 106, 27.4.2005, p. 17)

Artikolu 4

Din id-Direttiva tista' tiġi emendata skond  il-proċedura msemmija fl-Artikolu 13(3) 
 tad-  Direttiva  [tal-Kunsill]  [70/156/KEE]⁶ sabiex:

 (a)  tieġu kont ta' xi emendi għar-Regolament  UN/  ECE imsemmi fl-Artikolu 3,

 (b)   l-Annessi I u II jiġu addattati  għall-progress tekniku.

Artikolu 5

L-Istati Membri għandhom jikkommunikaw lill-Kummissjoni t-testi tad-dispożizzjonijiet  ewlenin  tal-liġi nazzjonali li huma jadottaw fil-kamp kopert b'din id-Direttiva.



Artikolu 6

Id-Direttiva 93/29/KEE, kif emendata mid-Direttiva mniżżla fl-Anness III, Parti A hi mħassra, bla ħsara għall-obbligi ta' l-Istati Membri rigward il-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni tad-Direttivi mniżżla fl-Anness III, Parti B.

Referenzi għad-Direttiva mħassra għandhom jinftehemu bħala referenzi għal din id-Direttiva u għandhom jinqraw skond it-tabella ta' korrelazzjoni fl-Anness IV .

Artikolu 7

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea*.

Għandha tapplika mill- [...]

⁶ ĠU L 42, 23.2.1970, p. 1.

Artikolu 8

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

L-ANNESS I

ĦTIĠIET LI JIKKONĊERNAW L-APPROVAZZJONI TAT-TIP TA' KOMPONENT TA' VETTURI BIL-MUTUR B'ŻEWĠ JEW TLIET ROTI FIR-RIGWARD TA' L-IDENTIFIKAZZJONI TAL-KONTROLLI, IT-*TELL-TALES* U L-INDIKATURI TAGĦHOM

1. DEFINIZZJONIJIET

Għall-iskopijiet ta' din id-Direttiva japplikaw dawn id-definizzjonijiet li ġejjin:

- 1.1. «kontroll» ifisser kull parti tal-vettura jew komponent direttament attivata mis-sewwieq li tikkawża bidla fl-istat jew fl-operazzjoni tal-vettura jew ta' waħda mill-partijiet tagħha;
- 1.2. «*tell-tale*» tfisser sinjal li jindika l-bidu ta' operazzjoni ta' apparat, operazzjoni jew stat suspettuż jew difettuż jew in-nuqqas ta' operazzjoni;
- 1.3. «indikatur» ifisser apparat li jagħti informazzjoni dwar il-funzjonament jew l-istat tajjeb ta' sistema jew parti ta' sistema bħall-livell ta' fluwidu;
- 1.4. «simbolu» ifisser kontorn li jgħin fl-identifikazzjoni ta' kontroll, *tell-tale* jew indikatur.

2. IL-ĦTIĠIET

2.1. L-Identifikazzjoni

Il-kontrolli, it-*tell-tales* u l-indikaturi msemmija fil-punt 2.1.5 għandhom jiġu identifikati skond il-ħtiġiet li ġejjin meta jitwaħħlu ma' vettura.

↓ 2000/74/KE Art. 1 u l-Anness
pt. I(1)

- 2.1.1 Dawn is-simboli jridu jidhru b'mod ċar fuq l-isfond.

↓ 93/29/KEE
→₁ 2000/74/KE Art. 1 u l-Anness
pt. I(2)


- 2.1.2 Is-simboli għandhom jitqiegħdu fuq il-kontroll jew fuq it-tell-tale ta' kontroll li għandhom jiġu identifikati jew viċin ħafna ta' dawn. Meta dan mhuwiex possibbli s-simbolu u l-kontroll, jew it-tell-tale, għandhom jingħaqdu b'linja kontinwa li għandha tkun qasira kemm jista' jkun.
- 2.1.3. Fanali ta' dawl ewlieni għandhom jiġu rrappreżentati b'raġġi paralleli orizzontali u fanali ta' dawl baxx b'raġġi ta' dawl paralleli angolati 'l isfel.

2.1.4. Meta użati għal *tell-tales* ottiċi, il-kuluri li ġejjin elenkati hawn isfel ikollhom it-tifsiriet indikati

- aħmar: perikolu,
- ambra: twissija,
- aħdar: sigurtà.

Il-blu jġi rriservat esklussivament għat-*tell-tales* tal-fanal tad-dawl ewlieni


2.1.5. L-Ismijiet u l-identifikazzjoni ta' simboli



Il-Figura 1

Kontroll tal-fanal - Fanal ta' dawl ewlieni


Il-kulur *tell-tale*: blu



Il-Figura 2

Il-kontroll tal-fanal - Fanal ta' dawl baxx

Il-Kulur *tell-tale*: aħdar




Il-Figura 3

Indikatur ta' Direzzjoni

➔₁ Nota: jekk ikun hemm *tell-tales* separati għall-indikaturi tad-direzzjoni tax-xellug u tal-lemin, iż-żewġ vleġeġ jistgħu jintużaw ukoll separatament. ➔

Il-kulur *tell-tale*: aħdar




Il-Figura 4

Apparat ta' twissija ta' perikolu

Żewġ possibilitajiet:


- l-identifikazzjoni tas-sinjal imqiegħed ħdejn il-perikolu
Il-Kulur *tell-tale*: aħmar
Jew
- l-operazzjoni simultanea ta' l-indikaturi ta' direzzjoni (Iż-żewġ vleġeġ fil-Figura 3)



Il-Figura 5



Iċ-choke manwali

Kulur *tell-tale*: ambra



Il-Figura 6


Apparat li jinstama' (il-horn)



Il-Figura 7

Il-livell tal-karburant


Kulur *tell-tale*: ambra



Il-Figura 8

Temperatura tal-likwidu li jkessaħ l-inġenju


Kulur tell-tale: aħmar



Il-Figura 9

Il-Karika tal-batterija


Kulur *tell-tale*: aħmar



Il-Figura 10

Iż-żejt tal-magna


Kulur *tell-tale*: aħmar



Il-Figura 11

Il-fanal ta' quddiem għaċ-ċpar (³)

Kulur *tell-tale*: aħdar




Il-Figura 12

Fanal ta' wara taċ-ċpar (3)


Kulur *tell-tale*: amber

↓ 93/29/KEE
→₁ 2000/74/KE Art. 1 u l-Anness
pt. I(2)




→₁ Il-Figura 13

Engine ignition jew cut-off control fil-pożizzjoni «mhux qed jintuża» ←



→₁ Il-Figura 14

Engine ignition jew cut-off control fil-pożizzjoni «qed jintuża» ←




Il-Figura 15

Swiċċ tad-dawl

Kulur *tell-tale*: aħdar

↓ 93/29/KEE
→₁ 2000/74/KE Art. 1 u l-Anness
pt. I(2)




→₁ Il-Figura 16

Fanali ta' pożizzjoni (tal-ġenb),

(jekk il-kontroll ma jkunx separat, jista' jiġi identifikat mis-simbolu muri fil-figura 15)


Kulur *tell-tale*: aħdar ←



Il-Figura ➔₁ 17 ➔

Indikatur «gear box fin-newtral»

Kulur *tell-tale*: aħdar



Il-Figura →₁ 18 ←

Starter elettriku

Noti:


↓ 2000/74/KE Art. 1 u l-Anness
pt. I(2)

- (1) Il-partijiet inkwadrati jistgħu jkunu solidi.

↓ 93/29/KEE

- (2) Il-parti l-iskura ta' dan is-simbolu tista' tiġi sostitwita bis-silwett tagħha; imbagħad il-parti l-bajda f'din l-istampa tista' tkun kompletament ta' kulur skur.
- (3) Jekk huwa użat kontroll wiehied għall-fanali ta' quddiem u ta' wara għaċ-ċpar is-simbolu użat għandu jkun dak għal «fanal ta' quddiem għaċ-ċpar».

L-istruttura tal-bażi tal-mudell għas-simboli msemmija fil-punt 2.1.5



Il-Figura 1

Il-bażi tal-mudell

Il-bażi tal-mudell jikkonsisti f'

1. bażi ta' 50 mm kwadri, u din id-dimensjoni tkun ekwivalenti għad-dimensjoni nominali «a» fl-oriġinal;
2. ċirku bażi ta' 56 mm fid-djometru li jkollu bejn wiehied u ieħor l-istess żona bħall-kwadru bażi (1);
3. ċirku ieħor ta' 50 mm djometru jitpenġa fil-kwadru bażi (1);
4. kwadru ieħor li l-ponot tiegħu jistrieħu fuq iċ-ċirku ta' bażi (2) u li l-ġnub tiegħu huma paralleli għal daww tal-kwadru bażi (1);
- 5.u 6. żewġ rettangoli li jkollhom l-istess arja bħall-kwadru bażi (1) li l-ġnub tagħhom huma f'angoli ta' disgħin grad ma' xulxin u kull wiehied minnhom maħsub sabiex jaqsam il-ġnub opposti tal-kwadru bażi f'punti simmetriċi;
7. kwadru ieħor li l-ġnub tiegħu jgħaddu mill-punti ta' l-intersezzjoni tal-kwadru bażi (1) u ċ-ċirku bażi (2) u li huma inklinati b'angolu ta' 45°, b'hekk jagħtu l-akbar dimensjonijiet orizzontali u vertikali tal-bażi tal-mudell;

8. ottagonu irregolari iffurmat bil-linji inklinati b'angolu ta' 30° mal-għub tal-kwadru (7).

Il-bażi tal-mudell jitqiegħed fuq *grid* li n-naħa t'isfel tiegħu hi ta' 12,5-il mm u li tmiss mal-kwadru bażi (1).

L-ANNESS II

↓ 2000/74/KE Art. 1 u l-Anness
pt. II (adattat)

L-Appendiċi 1

Dokument ta' l-informazzjoni fejn għandha x'taqsam l-identifikazzjoni tal-kontrolli, tell-ales u indikaturi għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta

(li għandha tiġi annessa ma' l-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' komponent jekk din hi sottomessa separatament mill-applikazzjoni għall-approvazzjoni ta' tip ta' vettura)

In-Numru ta' l-ordni (mogħti mill-applikant):

L-applikazzjoni għall-approvazzjoni tat-tip KE ta' komponent fejn għandha x'taqsam l-identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-ales* u indikaturi għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta għandu jkollha l-informazzjoni stabbilita mill-punti li ġejjin fl-Anness II tad-Direttiva ☒ 2002/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, Parti 1, Sezzjoni A ☒ A:

- 0.1
- 0.2
- 0.4 sa 0.6
- 9.2.1

L-Appendiċi 2

Isem ta' l-amministrazzjoni

Ċertifikat ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE fir-rigward ta' l-identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi għal tip ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew bi tliet roti

MUDELL

- Nru. ta' Rapport skond id-data ta' servizz tekniku
- Nru ta' approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE: Nru ta' estensjoni:
1. Id-ditta tal-vettura:
 2. It-Tip ta' vettura u kull verżjoni u varjanti:
 3. L-isem u l-indirizz tal-fabbrikant:
 4. L-isem u l-indirizz tar-rappreżentant tal-fabbrikant (jekk ikun hemm):
 5. Id-data ta' meta l-vettura kienet sottomessa għat-test:
 6. Approvazzjoni tat-tip ta' komponent KE mogħtija/miċħuda⁽¹⁾
 7. Il-Post:
 8. Id-Data:
 9. Il-Firma:

⁽¹⁾ Ħassar kif approprjat.



ANNEX III

Parti A

Direttiva mħassra flimkien ma' l-emendi tagħha (imsemmi fl-Artikolu 6)

Direttiva tal-Kunsill 93/29 KEE (ĠU L 188, 29.7.1993, p. 1)

Direttiva tal-Kummissjoni 2000/74/KE (ĠU L 300, 29.11.2000, p. 24)

Parti B

Lista tal-limiti ta' żmien għat-traspożizzjoni fil-liġi nazzjonali u l-applikazzjoni (imsemmi fl-Artikolu 6)

Direttiva	Limitu ta' żmien għat-traspożizzjoni	Data ta' applikazzjoni
93/29/KEE	14 ta' Diċembru 1994	14 ta' Ġunju 1995(*)
2000/74/KE	31 ta' Diċembru 2001	1 ta' Jannar 2002(**)

(*) Skond it-tielet subparagrafu ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 93/29/KEE:

“Mid-data msemmija fl-ewwel subparagrafu l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet konnessi ma' l-identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi, jipprojbixxu d-dħul inizjali fis-servizz ta' vetturi li jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

Id-data hi l-14 ta' Diċembru, 1994; ara l-ewwel subparagrafu ta' l-Artikolu 5(1) tad-Direttiva 93/29/KEE.

(**) Skond l-Artikolu 2 tad-Direttiva 2000/74/KE:

“1. B'effett mill-1 ta' Jannar 2002, l-Istati Membri ma jistgħux, għal raġunijiet ta' identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi :

- jirrifjutaw li jagħtu approvazzjoni tat-tip KE għal vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, jew
- jipprojbixxu r-reġistrazzjoni, il-bejgħ jew id-dħul fis-servizz ta' vetturi bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta;

jekk l-identifikazzjoni ta' kontrolli, *tell-tales* u indikaturi tħares il-ħtiġiet tad-Direttiva 93/29/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva.

2. B'effett mill-1 ta' Lulju 2002, l-Istati Membri għandhom jirrifjutaw li jagħtu l-approvazzjoni tat-tip KE għal kull tip ġdid ta' vettura bil-mutur b'żewġ roti jew bi tlieta, għal raġunijiet relatati ma' l-identifikazzjoni ta' kontrolli, tell-tales u indikaturi jekk il-ħtiġiet tad-Direttiva 93/29/KEE, kif emendata minn din id-Direttiva, ma jkunuz issodisfati.”
-

ANNESS IV

TABELLA TA' KORRELAZZJONI

Direttiva 93/29 KEE	Din id-Direttiva
Artikoli 1 u 2	Artikoli 1 u 2
Artikolu 3, l-ewwel paragrafu	Artikolu 3(1)
Artikolu 3, it-tieni paragrafu	Artikolu 3(2)
Artikolu 4, frażi introduttorja	Artikolu 4, frażi introduttorja
Artikolu 4, l-ewwel inċiż	Artikolu 4 punt (a)
Artikolu 4, it-tieni inċiż	Artikolu 4 punt (b)
Artikolu 5(1)	-
Artikolu 5(2)	-
-	Artikolu 5
Artikolu 6	Artikoli 6 u 7
Annessi I u II	Artikolu 8
-	Anness I u II
-	Anness III
-	Anness IV